Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,804, 15 ta' Ġunju, 1999
Taqsima B

A.L. 103 ta' l-1999

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1999 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Education (Honours) - B.Ed. (Hons)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Education (Honours) - B.Ed. (Hons).

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tehtieġx xort'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni;

"il-Fakultà" tfisser il-Fakultà ta' l-Edukazzjoni;

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Bachelor of Education (Honours) - B.Ed. (Hons); u

"il-Kors" ifisser il-kors ta' l-istudji li jwassal għall-Grad ta' Bachelor of Education (Honours) - B.Ed. (Hons).

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 1999 jew wara.

Eliġibbilita' għall-Grad

3. Biex ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad, l-istudenti għandhom:

(a) ikunu rreġistrati bħala studenti regolari skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita' u jissodisfaw ir-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors stipulati fir-regolament 5;

(b) itemmu l-kors ta' l-istudji u jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha preskritti f'dawn ir-regolamenti; u

(ċ) jissodisfaw xi rekwiżiti oħra preskritti fi statuti, f'regolamenti u f'ordinamenti rilevanti oħra ta' l-Universita'.

Dħul u Rekwiżiti Speċjali għall-Kors

4. (1) L-applikanti għandhom japplikaw biex jirreġistraw għall-Kors fuq il-formola preskritta u fiż-żmien speċifikat mill-Uffiċċju tar-Reġistratur. L-applikanti għandhom jindikaw l-għażla tagħhom bejn l-Edukazzjoni Primarja u l-Edukazzjoni Sekondarja bħala l-qasam ta' speċjalizzazzjoni tagħhom.

(2) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita', jissodisfaw ir-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors indikati fir-regolament 5 kif ukoll ir-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors tal-fakultà li toffri s-suġġett/s-suġġetti magħżula bħala oqsma ta' tagħlim skond ir-regolament 6.3.2 tar-Regolamenti għad-Dħul, fejn dan japplika.

5. (1) Biex l-applikanti jagħżlu l-Edukazzjoni Primarja bħala qasam ta' speċjalizzazzjoni, iridu jissodisfaw ir-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors li ġejjin:

(a) għad-dħul f'Ottubru 1999 biss: ma hemmx rekwiżiti speċjali għall-kors; u

(b) għad-dħul f'Ottubru 2000 jew wara: l-applikanti jridu jkunu għaddew fil-Livell Intermedju bi Grad Ċ jew aħjar fl-Ingliż, fil-Malti, u f'wieħed minn dawn: il-Matematika Applikata, il-Bijoloġija, il-Kimika, ix-Xjenza Ambjentali, il-Fiżika u l-Matematika Pura.

(2) Biex l-applikanti jagħżlu l-Edukazzjoni Sekondarja bħala qasam ta' speċjalizzazzjoni, iridu jippreżentaw ċertifikati li għaddew fil-Livell Avanzat bi Grad Ċ jew aħjar f'kull wieħed miż-żewġ suġġetti magħżula bħala oqsma ta' tagħlim mill-Gruppi A u B, iżda:

(a) għall-Computer Science: ċertifikat li għadda fil-Livell Avanzat bi Grad Ċ jew aħjar fil-Computing huwa meħtieġ, flimkien ma' ċertifikat li għadda fil-Livell Intermedju bi Grad Ċ jew aħjar fil-Matematika Pura (ċertifikat li għadda fil-Livell Avanzat fl-Information Technology jew fil-Matematika Pura ma jistgħux jiġu offruti minflok il-Computing);

(b) għall-Personal and Social Education: ċertifikat li għadda ieħor fil-Livell Avanzat bi Grad Ċ jew aħjar jew fil-Filosofija jew fis-Soċjoloġija; u

(ċ) għall-Edukazzjoni Fiżika: ċertifikat li għadda fil-Livell Avanzat bi Grad Ċ jew aħjar fi kwalunkwe suġġett; huwa meħtieġ ukoll li jgħaddu minn test ta' proficjenza fl-edukazzjoni fiżika, ikollhom ċertifikat mediku, u jippreżentaw *portfolio* bħala evidenza ta' l-interess u l-impenn tagħhom għall-Edukazzjoni Fiżika u l-Isport.

(3) Il-kwalifiki li ġejjin huma meħtieġa biex l-applikanti jagħżlu suġġetti minn Grupp Ċ kif indikati f'paragrafu (4) tar-regolament 6:

(a) għall-Home Economics: ċertifikat li għadda fil-Livell Avanzat bi Grad Ċ jew aħjar fil-Home Economics and Human Ecology u ċertifikat li għadda fil-Livell Avanzat bi Grad Ċ jew aħjar f'xi suġġett ieħor;

(b) għad-Disinn Tekniku u t-Teknoloġija:

għall-Ottubru 1999 biss: ċertifikat li għadda fil-Livell Avanzat bi Grad Ċ jew aħjar fl-Engineering Drawing jew fil-Komunikazzjoni Grafika u certifikat li għadda fil-Livell Intermedju jew ogħla f'wieħed mis-suġġetti li ġejjin: Il-Matematika Applikata jew il-Matematika Pura, l-Arti, il-Computing jew l-Information Technology, il-Fiżika.

għall-Ottubru 2000 jew wara: ċertifikat li għadda fil-Livell Avanzat bi Grad Ċ jew aħjar fl-Engineering Drawing jew fil-Komunikazzjoni Grafika u certifikat li għadda fil-Livell Avanzat bi Grad Ċ jew aħjar f'xi suġġett ieħor;

(ċ) għas-Suġġetti Tekniċi: certifikat li għadda f'ħames suġġetti fl-Eżami għaċ-Ċertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja li jinkludu l-Ilsien Ingliż u l-Malti; certifikat li għadda fl-Oqsma ta' l-Għerf; u jew il-Higher Technician Diploma, jew id-Diploma in Industrial Electronics (bi kredtu) tal-Fellenberg Training Centre jew it-Technological Certificate kollu tas-City and Guilds of London Institute jew l-ekwivalenti.

6. (1) Is-suġġetti jintgħażlu kif ġej: żewġ suġġetti jew minn Grupp A jew minn Grupp B, jew suġġett wieħed minn Grupp Ċ, jew xi suġġett jew abbinament ta' suġġetti kif approvat mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord. Jekk is-suġġetti jkunux offruti jiddependi mir-riżorsi li jkun hemm u min-numru ta' applikanti li jagħżluhuom.

(2) (a) Is-suġġetti f'Grupp A huma dawn li ġejjin: l-Arti, l-Ingliż, il-Franċiż, il-Ġeografija, L-Istudji tal-Ġermaniż, l-Istorja, il-Home Economics, it-Taljan, il-Malti, l-Istudji tal-Mużika, il-Personal and Social Education, l-Edukazzjoni Fiżika, it-Tagħlim Reliġjuż.

(b) Kwalunkwe għażla ta' suġġetti minn Grupp A hija possibbli, ħlief għal dawn li ġejjin:

- il-Malti flimkien jew ma' l-Ingliż, jew mat-Taljan, jew ma' l-Edukazzjoni Fiżika, jew mat-Tagħlim Reliġjuż.
- l-Edukazzjoni Fiżika mat-Tagħlim Reliġjuż.

(3) Fi Grupp B is-suġġetti jintgħażlu mis-suġġetti abbinati kif ġej: Il-Bijoloġija u l-Kimika; il-Kimika u l-Fiżika; il-Matematika u l-Computer Science; il-Matematika u l-Fiżika; il-Computer Science u l-Fiżika.

(4) Is-suġġetti fi Grupp Ċ huma dawn li ġejjin: il-Home Economics, id-Disinn Tekniku u t-Teknoloġija, u s-Suġġetti Tekniċi.

Tul tal-Kors

7. (1) Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' erba' snin ta' studju fuq bażi *full-time*. Il-Bord jista' jħalli studenti jtemmu l-Kors f'mhux aktar minn ħames snin minn meta jidħlu l-ewwel darba fil-Kors.

(2) F'ċirkostanzi speċjali, is-Senat jista' jippermetti estensjoni oħra ta' sena, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

(3) Is-Senat, li jaġixxi fuq il-parir tal-Bord, jista' jħalli studenti, għal raġuni tajba u valida, jissospendu l-istudji tagħhom għal mhux aktar minn tnax-il xahar.

Reġistrazzjoni għall-Kors u għat-Taqsimiet Studju

8. (1) L-istudenti huma meħtieġa jerġgħu jirreġistraw qabel il-bidu ta' kull sena akkademika u jirreġistraw għat-taqsimiet studju qabel il-bidu ta' kull semestru fiż-żmien stipulat mill-Uffiċċju tar-Reġistratur.

(2) Kull sena l-istudenti għandhom ikunu meħtieġa jirreġistraw għal komponenti tal-Kors li għalihom mhux aktar minn 30 kredtu huma assenjati, sakemm li l-Bord jista', f'ċirkostanzi speċjali, jħalli studenti jirreġistraw għal għadd ta' kredti li hu aktar minn dak speċifikat f'dan ir-regolament.

(3) Hija r-responsabilita' ta' l-istudenti kollha li jiksbu dawk it-taqsimiet studju indikati bħala obbligatorji. Barra minn dan, il-Bord jista' jitlob ċerti studenti biex jiksbu taqsimiet studju partikolari indikati minnu.

(4) L-istudenti jingħataw grad għal taqsima studju biss jekk ikunu rreġistraw għaliha fuq il-Formola ta' Reġistrazzjoni għat-Taqsimiet Studju. Fil-bidu ta' kull semestru, l-istudenti jistgħu jżidu jew inaqqsu xi taqsima studju fuq il-formola preskritta u fiż-żmien stipulat mir-Reġistratur.

(5) L-istudenti huma mistennija jinfurmaw lir-Reġistratur bil-miktub jekk huma jirriżenjaw mill-Kors, u jagħtu d-data tar-riżenja tagħhom.

Il-Kors ta' l-Istudji

9. (1) Il-kors ta' l-istudji bl-Edukazzjoni Primarja bħala qasam ta' speċjalizzazzjoni għandu normalment jikkonsisti minn dan li ġej:

(a) taqsimiet studju fl-oqsma li ġejjin:

Primary Studies (Content and Professional)
Primary Subject Specialisation
Primary Cycle Specialisation
Foundations in Education
Personal Skills
Pedagogy
Research Methods
English Language Proficiency
Basic Computer Proficiency

(b) erba' Pjazzamenti fl-Iskejjel; u

(ċ) dissertazzjoni/proġett.

(2) Il-kors ta' l-istudji bl-Edukazzjoni Sekondarja bħala qasam ta' speċjaliżżazzjoni għandu normalment jikkonsisti minn dan li ġej:

(a) taqsimiet studju f'Qasam jew f'żewġ Oqsma ta' Tagħlim magħżula kif stipulat fir-regolament 6, fl-oqsma li ġejjin:

Subject Content Studies
Methodology in the Teaching Area/s
Foundations in Education
Personal Skills
Resources, Information and Communication Technologies in Education
Diversity in the Classroom
Research Methods
English Language Proficiency
Basic Computer Proficiency

(b) erba' Pjazzamenti fl-Iskejjel; u

(ċ) dissertazzjoni/proġett.

(3) It-taqsimiet studju fl-English Language Proficiency u fil-Basic Computer Proficiency huma obbligatorji għall-istudenti kollha. Il-Bord jista' jeżenta l-istudenti milli jsegwu dawn it-taqsimiet studju jekk huma jgħaddu mit-testijiet apposta li jsiru fi żmien speċifikat mill-Bord. L-istudenti huma meħtieġa jgħaddu mit-testijiet f'dawn is-suġġetti sat-tmiem tat-tieni sena ta' l-istudji tagħhom. Jekk dan ir-rekwiżit ma jiġix sodisfatt, l-istudenti għandhom ikunu meħtieġa jħallu l-Kors.

(4) Il-Bord jista' jeżenta lill-istudenti mir-rekwiżit li jiksbu kredtu fit-taqsimiet studju l-oħra jekk huma jkunu kisbu mill-Universita', jew minn istituzzjoni rikonoxxuta mis-Senat għal dan il-għan, kwalifika li l-istudju għaliha hu, fl-opinjoni tal-Bord, ta' lanqas ekwivalenti fil-kontenut u fil-livell għal dak meħtieġ għal kredtu kkonċernat, iżda:

(a) eżenzjoni ma tingħatax għal aktar minn terz ta' l-għadd minimu ta' kredti meħtieġa għall-għoti tal-Grad;

(b) il-kredti għandhom normalment ikunu ġew miksuba matul l-aħħar ħames snin; u

(ċ) eżenzjoni ma tingħatax fil-każ ta' l-aħħar Pjazzament fl-Iskejjel jew mid-dissertazzjoni/proġett, ħlief f'ċirkustanzi speċjali.

(5) Il-Bord jista' jħalli l-istudenti jsegwu taqsimiet studju f'universita' jew istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja oħra, sakemm li l-kredti miksuba jkunu valutati skond il-kriterji stabbiliti mill-Bord.

Katalgu ta' Taqsimiet Studju

10. Il-Bord għandu jħejji katalgu ta' taqsimiet studju. Il-katalgu għandu jindika l-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni u t-tip ta' kull taqsima studju, il-kredti assenjati għal kull taqsima studju, liema taqsimiet studju huma obbligatorji, liema għandhom jittieħdu flimkien jew meħtieġa jittieħdu qabel taqsimiet studju oħra, u l-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni. Il-Bord għandu jippublika l-katalgu għall-Kors qabel il-bidu tiegħu, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Valutazzjoni u Progress

11. (1) Sakemm mhux indikat mod ieħor fil-katalgu tal-Kors, il-kredti għandhom ikunu assenjati wara t-tmien b'suċċess ta' xi komponent tal-Kors u għandhom jidħru fir-rekord akkademiku ta' l-istudenti.

(2) Il-kredti għandhom ikunu assenjati skond il-gradi li ġejjin li jibdew mill-ogħla grad: A, B, Ċ, D. F tindika li wieħed weħel. Xogħol mhux komplut għal raġunijiet ġustifikati (mard, assenza approvata, eċċ) għandu jkun indikat bl-ittra I. Fil-każijiet l-oħra kollha r-riżultati ta' taqsimiet studju mhux mitmuma għandhom jidħru bħala F. Il-gradi mogħtija għandhom iqisu l-livell milħuq mill-istudenti f'wieħed jew aktar mill-elementi li ġejjin kif il-Bord iqies xieraq: xogħol matul il-kors, u valutazzjonijiet prattiċi, bil-miktub u/jew orali.

(3) L-istudenti li jeħlu f'xi taqsima studju għandu jkollhom valutazzjoni supplimentari. Normalment l-istess mod ta' valutazzjoni għandu jintuża għal valutazzjonijiet supplimentari. Valutazzjonijiet supplimentari ta' taqsimiet studju għandhom isiru fis-sessjoni ta' l-eżamijiet li jmiss (Mejju jew Settembru) skond il-kaz. Fil-każ ta' assenjamenti, il-valutazzjoni supplimentari għandha ssir bi ftehim mal-lettur ikkonċernat. Fil-valutazzjoni mill-ġdid, l-ogħla grad li jista' jingħata huwa l-grad D.

(4) Jekk jeħlu fil-valutazzjoni supplimentari, l-istudenti jistgħu jerġgħu jieħdu t-taqsima studju meta tkun offruta u valutata mill-ġdid, iżda l-istudenti jistgħu jkunu meħtieġa jsegwu taqsima studju oħra kif indikat mill-Bord jekk it-taqsima studju li minnha jkunu weħlu ma tkunx offruta darb'oħra. Meta l-istudenti jeħlu f'taqsima studju li ttieħdet mill-ġdid, huma għandu jkollhom valutazzjoni supplimentari finali skond il-provvedimenti tal-paragrafu (3) ta' dan ir-regolament. Fil-każ ta' taqsimiet studju li jerġgħu jittieħdu, l-ogħla grad li jista' jingħata fil-valutazzjoni u fil-valutazzjoni supplimentari huwa l-grad D. Matul is-sena li fiha l-istudenti jkunu meħtieġa jerġgħu jieħdu taqsima studju, huma jkunu jistgħu jieħdu taqsimiet studju ta' dik is-sena sakemm l-orarju u l-kundizzjonijiet dwar taqsmiet studju li jridu jittieħdu qabel jippermettu.

(5) Jekk il-kredtu jew kredti għal taqsima jew taqsimiet studju jkunu ġew mogħtija, l-istudenti ma għandhomx jitħallew ikunu valutati mill-ġdid għalihom.

(6) Sakemm mhux indikat mod ieħor fil-katalgu tal-Kors, jew sakemm mhux eżentati mill-Bord, l-istudenti huma obbligati jattendu għall-konferenzi, seminarji, sessjonijiet tutorjali u esperjenzi ta' tagħlim oħra. L-istudenti jistgħu **jiġu preklużi milli jkunu valutati għal taqsima studju jekk l-attendenza ma tkunx regolari.**

(7) Jekk l-għadd ta' kredti miksub mill-istudenti fit-tmiem ta' xi sena tal-Kors jindika li se jkun impossibbli għalihom li jtemmu l-Kors fil-perijodu ta' studji indikat fil-paragrafu (1) tar-regolament 7, l-istudenti għandhom ikunu meħtieġa jħallu l-Kors.

(8) Jekk f'xi sentejn tal-Kors (mhux bil-fors wara xulxin), l-istudenti jiksbu anqas minn għoxrin kredtu kull sena, huma għandhom ikunu meħtieġa jħallu l-Kors.

Il-Pjazzament fl-Iskejjel

12. (1) Għandu jkun hemm Pjazzament fl-Iskejjel f'kull waħda mill-erba' snin tal-Kors, li jkopri perijodu ta' osservazzjoni u tagħlim fl-iskejjel taħt superviżjoni ta' tutur kif determinat mill-Bord.

(2) Il-Pjazzamenti fl-Iskejjel ikunu valutati fuq bażi ta' Għadda/Weħel. L-istudenti li jkollhom xi diffikultà matul il-Pjazzament fl-Iskejjel, li ma titqiesx bla dubju li ma għaddewx, jistgħu jingħataw grad K (Għadda b'Kundizzjoni). Dawn l-istudenti jistgħu jkunu meħtieġa jirrepetu komponent tal-Pjazzament fl-Iskejjel, fi żmien determinat mill-Bord.

(3) L-istudenti huma meħtieġa jgħaddu mill-Pjazzamenti fl-Iskejjel kollha. L-istudenti jistgħu jirrepetu Pjazzament fl-Iskejjel darba biss matul sena żejda ta' studji. Valutazzjonijiet supplimentari ma jsirux għall-Pjazzamenti fl-Iskejjel. L-istudenti jistgħu jingħataw grad K darba biss, u dan matul l-ewwel żewġ Pjazzamenti fl-Iskejjel biss. Wara, l-ebda grad kundizzjonali ma jingħata.

(4) Ir-raba' Pjazzament fl-Iskejjel huwa l-Eżami Finali tal-Kors. Il-Bord ta' l-Eżaminaturi għall-Pjazzament fl-Iskejjel għandu jinkludi eżaminatur barrani.

(5) Qabel kull Pjazzament fl-Iskejjel l-istudenti għandhom ikunu meħtieġa jiffirmaw Kodiċi ta' Etika għall-Pjazzament fl-Iskejjel biex ikunu allokati fl-iskejjel. Kwalunkwe ksur ta' din il-Kodiċi ta' Etika jiġi riferut lill-Bord ta' Dixxiplina *ad hoc* maħtur mill-Bord u jista' jfisser tkeċċija mill-Kors.

(6) Il-kredti assenjati għall-Pjazzament fl-Iskejjel jingħataw jekk l-istudenti jattendu dejjem, iżda l-istudenti li, għal raġunijiet validi, ma jattendux għal sa ħamest ijiem għandu jkollhom il-Pjazzament fl-Iskejjel estiż bl-istess għadd ta' ġranet, u dawk li ma jattendux għal sitt ijiem jew aktar ikollhom jerġgħu jagħmlu l-Pjazzament fl-Iskejjel kollu.

(7) F'każijiet eċċezzjonali, l-istudenti li ma setgħux jattendu Pjazzament fl-Iskejjel jistgħu jitħallew mill-Bord jagħmlu l-Pjazzament fl-Iskejjel taħt dawk il-kundizzjonijiet li hu jista' jimponi.

Dissertazzjoni/Proġett

13. (1) L-istudenti huma meħtieġa jissottomettu Dissertazzjoni/Proġett li għandhom jikkonformaw mal-Linji ta' Gwida u l-Kodiċi ta' Etika għad-Dissertazzjonijiet approvati mill-Bord.

(2) Id-Dissertazzjoni/Proġett għandhom ikunu valutati skond l-iskema ta' l-iggradar indikata f'paragrafu (2) tar-regolament 11.

(3) L-istudent li jeħlu fid-Dissertazzjoni/Proġett jistgħu jissottometuha mill-ġdid darba fi żmien perijodu ta' tnax-il xahar, f'liema każ l-ogħla grad li jista' jingħata għandu jkun grad D.

L-Għoti tal-Grad

14. Biex jingħataw il-Grad, l-istudenti għandhom jiksbu mhux anqas minn 116 kredtu fl-oqsma indikati f'paragrafi (1) u (2) tar-regolament 9 u kif imniżżla fil-katalgu tal-Kors ippublikat mill-Bord.

Il-Klassifikazzjoni tal-Grad

15. L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad għandhom ikunu ppublikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

L-Ewwel Klassi bl-Unuri
It-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Superjuri)
It-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Inferjuri)
It-Tielet Klassi bl-Unuri
Għadda.